10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 6**

**Il-Ħamis 22 ta' Awwissu 2024**

Il-laqgħa numru 6 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-Ħamis 22 ta' Awwissu 2024 fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Stephen Sultana

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

Is-Sur Darren Grech

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela — Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa kien hemm żewġt apoloġija mis-Sur Darren Grech li kien imsiefer u mis-Sa Roberta li kellha impenji oħra.

## 2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti

Is-Sur Joe Vella innota li f'punt 2.2.1 kellha tiżdied il-kelma ħlas filwaqt li Sur Sultana innota li l-korrezzjonijiet tal-laqgħa 3 kienu saru imma ma tniżżlux mal-minuti.

F'punt 4.4 paragrafu 2 il-kelma Kunsillier kellha tiġi Kunsilliera filwaqt li f'punt 5.1 it-tieni paragrafu, riedet titneħħa l-frażi 'li tinqala' jew'

F'punt 8, il-frażi 'ir-risposta ser timxi ma' dak li ntqal fil-korrispondenza,' kellha tiġi ir-risposta kellha timxi għal laqgħa li jmiss.

F'punt 11, l-aħħar paragrafu għandu jinbidel il-kunjom Spiteri għal Sultana

- Knis u tindif

Is-sur Joe Vella qal li kienet ntbagħtet iż-żoni tal-knis imma ma ntbagħtitx l-iskeda tat-toroq. Is-Sindku spjega li kull kennies hu abbinat ma' żona u toroq isiru skond l-esiġenzi. Qal ukoll li kull filgħodu ħaddiem tal-kunsill idur ma' kennies sabiex jitbattlu l-bins kollha inkluż id-dog bins. Is-Sur Silvio Vella irrimarka li qabel kien hemm skeda tal-knis fejn it-toroq kienu jinkinsu darba iva u darba le, u Strada Rjali tinkines ta kuljum. Is-Sur Carabott irrimarka li

kien minalih li kien hemm lista ta' toroq skond il-ġurnata. Is-Sindku spjega li il-knis jiddependi skond l-esiġenzi u l-emerġenzi li jinqalgħu. Spjega ukoll li il-Ġimgħa 16 ta' Awwissu ħaddiema tal-CMD ġew biex jispjegaw kif taħdem l-*mekanikal sweeper*. Is-Sindku qal ukoll li flimkien mal-*contracts manager* irridu naslu għal skeda b'saħħitha. Spjega ukoll li ser ikun hemm xi tibdil peress li talab li 2 kenniesa li ma jafux bl-Ingliż jinbidlu, u talba ġiet aċċettata. Talab ukoll li jinbidel il-Forman. Din ukoll ġiet aċċettata mic-CMD.

Is-Sur Carabott u s-Sur Joe Vella, qalu li jippreferu jkunu jafu meta ser tinkines liema triq sabiex b'hekk hekk xi ħadd isaqsi, ikunu jistgħu jirrispondu. Is-Sindku irrimarka li fl-ewwel xahar u nofs kien hemm tibdil sostanzjali fis-servizz tal-knis. Bħalissa qed jaħdem ukoll fuq il-provisti, dan għaliex hekk tinkiser xkupa rridu nistennew l-CMD biex ibidluha.

Joe Vella, irrimarka li kemm jista' jkun jitneħħew l-affarijiet tal-kenniesa mill-parapett tal-kunsill. Is-Sindku qal li l-kenniesa ser jibdew iħallu l-affarijiet tagħhom fil-kamra tal-ġnien. Huma kienu diġa avżati imma għal xi raġuni baqgħu jużaw l-parapett.

- Numru tal-Aġenda

Stephen Sultana spjega għala din kienu minuti numru 6. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjegat li dan għaliex kien hemm 2 laqgħat b'urġenza. Is-Sindku issuġġerixxa li jkun hemm folder fi cloud sabiex jinġabru l-aġendi u l-minuti kollha.

- Charging Pillars

Is-Sindku spjega ukoll li fuq ic-charging pillars ntlaħaq ftehim, u kienet saret laqgħa ma' TM fuq il-camera. Sar ukoll rapport kif issuġerixxew it-TM stess. Dan bħalissa qiegħed għal evalwazzjoni tat-TM. Waqt il-laqgħa ġew mgħoddija diversi suġġerimenti minn TM fosthom bollards fin-nofs, imma dawn jistgħu ukoll ixekklu t-traffiku. Silvio Vella irrimarka li qed isir ħafna double parkings u dawn il-bollards jistgħu ikunu ta' detriment. Is-Sur Sultana qal li hekk ikun hemm inċident kif se tgħaddi l-ambulanza bil-bollards? Is-Sindku wieġeb li l-bollards ikunu jinqalgħu imma għalissa għad iridu nistennew l-istudji ta' TM.

- Triq Emanuel Attard

Fuq Triq Emanuel Attard, is-sindku qal li x-xogħol ser jibda fit-2 ta' Settembru u s'issa mhux infurmat kemm ser idum.

- Mistoqsija lis-Sindku

Karl Carabott, qal li fuq il-mistoqsija li għamel lis-Sindku hu kien ikkuntattja lid-DLG u kellhom jagħmlu kuntatt mas-sindku. Hu kien qed jitlob ukoll li is-sindku formalment jannulla, l-istqarrija li għamel. Is-Sindku qal li id-DLG kienu kellmuh u hu spjega li ma' kienx hemm stqarrija qarrieqa u dan in-nies jistgħu jikkonfermaw permezz tar-recording tal-laqgħa.

- Parkeġġ Triq Ħal Qormi

Is-Sindku spjega li qed jistenna draft ta' MOU sabiex jinfetaħ il-parkeġġ fi Triq Ħal Qormi u sistema tiġi aktar faċli minn dak li kien propost qabel. Joe Vella saqsa rigward il-parkeġġ fi Triq Braille, u sindku wieġeb li dan nfetaħ fi żmien il-festa u ser ikun hemm taħditiet aktar il-quddiem.

- Librerija

Stephen Sultana stqarr li xtaq li sar jaf mingħand is-Sindku li kienet ser issir librerija minflok li jiġi infurmat mil-medja s-soċjali. Is-Sindku qal li ma kien hemm l-ebda infiq fiha imma meta issir xi ħaġa hekk ser ikun qed jibgħat email.

- European Week of Sports Local Councils' Initiative

Is-Sindku informa li kellu laqgħa ma' tal-boċċi u dawn laqgħu din l-inizjattiva. Qed jissuġġerixxu li jkun hemm 10 timijiet ta' 5, jilgħabu 4 u 1 riserva. Huma ser jipprovdu ukoll taħriġ, kif ukoll joffru referee u jqassmu logħob. Spejjeż għal kunsill:

- 12 il-midalja
- Ċertifikati għal kulħadd
- Trofew
- Shield
- Token lill-kumitat tal-boċċi

Fuq l-NGO Move, hemm pjanat meeting magħhom

- Phoenix Business Centre

Wara li talba tagħhom ma ġietx milqugħa, dawn ilmentaw ħabba tindif fiż-żona.  Fil-fatt kien hemm caravan li ġie rappurtat.

- Siġar fil-perimetru tal-iskola

Karl Carabott spjega li ntbagħtet email lil ERA fuq l-iskola kif ukoll Triq il-Kbira San Gużepp.  Stephen Sultana irrimarka hekk il-ħajt jistgħux jiġi tal-ħadid minflok jinqalgħu is-siġar u forsi jintrabtu sew hekk inkellmu lil-ġardinar, filwaqt li Silvio Vella qal li dawn is-siġar jistgħu jingħataw żabra tajba li l-ebda zokk ma jidħol ġo fihom.  Stephen Sultana u Joe Vella irrimarkaw li ma jaqblux li jinqalgħu dawn is-siġar għalhekk is-sindku issuġġerixxa li nisimgħu l-opinjoni tal-ġardinar u l-contracts maniġer.

Intant Karl Carbott qal li l-ERA kitbu li fuq is-siġar ta' Triq il-Kbira m'hemmx bżonn ta' permess sabiex is-siġar jinqalgħu. Karl Carbott spjega li l-ispeċi li kienet issuġġeriet fix-xitwa twaqqa' kollox għalhekk ma jibqgħux biss zkuk.  Is-Sindku u Sur Carabott ukoll stqarrew li ma jaqblux li jinqalgħu s-siġar li diġà hemm ħlief dawk li qegħdin ta' periklu.

Stephen Sultana qal li b'hekk ser ikun hemm speċi differenti fit-triq u hu ma jaqbilx ma dan.  Silvio Vella irrimarka li dan ix-xogħol kellu jsir meta saret it-triq mill-bidu.  Filwaqt li Joe Vella qal li tajjeb li nies jiġu infurmati x'qed isir.  Karl Carabott spjega li ħabba l-exhaust, iż-żebbuġ tas-siġar fi Triq il-Kbira ma jinġabarx għalhekk meta jaqa' dan itebba' jiġi jiżloq u jista' jikkawża inċident anke fit-triq.  Pero ser ikun hemm ftit simettrija fit-triq peress li bħalissa hemm 2 mimlijin u 1 vojta li ser tiġi mimlija bis-siġra l-ġdida.

Karl Carabott, Gianluca Falzon, u Joe Vella qablu li siġar taż-żebbuġ li hemm jibqgħu hemm, filwaqt li Silvio Vella, u Stephen Sultana irrimarkaw li hekk ser jitħawlu speċi ġodda ser ikun hemm tipi differenti u ser jiġu karnival.

- Intervista għal post vakanti tas-Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku informa li l-intervista għal post vakanti tas-Segretarju Eżekuttiv ser issir nhar it-Tnejn 26 ta' Awwissu fil-binja tal-kunsill lokali ta' Santa Venera. Is-segretarju tal-board tal-għażla kien inbidel peress lis-Sur Gatt ma kienx disponibbli. Is-segretarju tal-board issa ser tkun is-Sa Naomi Baldacchino.

4. Rapporti / Korrispondenza mis-sindku

    4.1 Halloween

Is-Sindku spjega li l-Halloween saret waħda mill-aqwa attivitajiet f'Santa Venera kif ukoll nazzjonali. Għalhekk kien qed jissuġġerixxi li nkomplu naħdmu id f'id mal-iscouts. Huma kienu jieħdu 1.3K li jużahom għal dekorazzjonijiet u attrazzjonijiet, għalhekk ma jagħmlu l-ebda profitt. Stephen Sultana stqarr li dekorazzjonijiet li jinxtraw huma tal-kunsill għalhekk il-Kunsill għandu jżommhom. Is-Sindku irrisponda li l-Kunsill m'għandux spazju fejn iżomm dawn id-dekorazzjonijiet għax ħafna minnhom huma kbar ħafna.

Is-Sindku qed jissuġġerixxi li l-iscouts jingħataw l-opportunita li jagħżlu tip ta' stall li dan ikun esklussiv għalihom l-għaqdiet l-oħra ibiegħu affarijiet oħra. Karl Carabott irrimarka li l-għaqdiet kollha kellhom jagħżlu tip ta stand wieħed sabiex ma jkunx hemm ripetizzjoni. Dan għandu jkun parti mir-regolament. Joe Vella qabel ma dan, u qal li f'attivitajiet kbar ma jkunx hemm stands doppji.

Is-Sindku qal li bħala kunsill ma nistgħux nobbligaw għaqda tagħżel tip 1 ta' stand għalhekk is-sindku propona li:

- Is-somma tibqa' l-istess
- L-iscouts jagħżlu tip wieħed ta' stall li dan ħa jkun esklussiv għalihom u l-qliegħ ikun għalihom
- Issir sejħa għal-istalls miftuħa għal kulħadd anke minn irid jiġi minn barra raħal
- Dawn l-istalls ser ikunu b'xejn għal għaqdiet tar-raħal imma għal minn jiġi minn barra jkun hemm ħlas żgħir.

- Barra l-boundary tal-attivita' kull minn ser jarma bi stall irid l-permess tal-Kunsill u dan ser jiġi gwidat li jrid jarma fl-akwata tal-ġnien.

Kien hemm qbil unanimu fuq dan.  Għalhekk is-sindku qal li ser ikunu qed jinfetħu l-applikazzjonijiet, jiġi evalwat kemm ser ikun hemm applikazzjonijiet u hekk tintużax il-parti l-antika jew kif ukoll il-ġdida, u fil-każ  jintuża barra bħala food court.  Kulħadd qabel fuq din.

4.2 Rapport tal-Perit – Toilets

Is-Sindku spjega li l-iskema tat-towing li l-kunsill kien applika għalija imma qatt ma ġiet użata peress li servizz beda jingħata mill-pulizija, kif maqbul fil-laqgħat ta' qabel kien ser jinbidel sabiex il-latrini pubbliċi jsiru iktar siguri.  Għalhekk kien qed jippreżenta l-proġett li ħadem fuqu l-perit.  Dan ser itaffi l-problema tas-suffett, kif ukoll tal-gypsum boards peress li l-ħitan mhux ser isiru tal-gypsum jew ta' xi materjali li jinqata malajr.

Il-Perit ħadem fuq BOQ li taqbeż sew il-20K tal-iskema.  Fil-proposta ser jinbidel ġewwa, u jkun hemm l-entratura aktar sigura fejn biex jidħlu l-komunità vendriża ser ikollha pass filwaqt xi ħadd barra mir-raħal irid tħallas xi ħaġa żgħira.  Dawn il-flus imorru sabiex itaffu l-ispiżi tal-latrini nfushom.  Ser ikun hemm solar panels fuq il-bejt tal-latarini sabiex intaffu mill-konsum tal-elettriku kif ukoll sensors biex innaqsu l-konsum.

Stephen Sultana saqsa ta' min ser ikunu is-solar panels u sindku wieġeb li tal-kunsill u kien diġa kellu laqgħa ma' tal-boċċi.  Dawn ser jeħlu fuq is-saqaf tal-latrini.  Is-Sindku spjega ukoll li ser isiru vending machines għal prodotti sanitarji li wieħed jista' jiġi bżonn. Ser ikun hemm CCTVs fl-entratura, kif ukoll fuq in-naħa fejn hemm is-sinkijiet.

Silvio Vella ġibed l-attenzjoni li flushing u vit b'sensors huma għoljin ħafna anke meta tiġi biex tibdilhom.  Dawn mhumiex heavy duty.  Propona ukoll li l-komunikazzjoni issir minn barra ħalli hekk ikun hemm bżonn jinbidel ma jitkissirx il-madum.  Is-Sindku wieġeb li jifhem li dawn it-tip ta' viti u flushing huma inqas heavy duty imma peress li l-entratura se

tkun bi ħlas, u hemm ic-CCTV ser ikun hemm aktar kontroll.  Bħalissa tidħol u ssib l-ilma nieżel għal xejn b'xejn.

Aktar korrespondenza mis-Sindku

- Premju Anzjanità attiva

Is-sindku informa li waslet email fuq premju Anzjanità attiva.  Il-Kunsill jista' jinnomina persuna għal kull kategorija.  Għalhekk kien hemm qbil li l-kunsill jinnomina lil:

| Kategorija | Isem |
|---|---|
| Anzjanita' Attiva | Albert Cassar |
| Sports | Laurence Aquilina |
| Kultura | Joe Tanti |
| Volontarjat | Stanley Spiteri |
| Innovazzjoni u teknoloġija | Josette Zerafa |
| Solidarjeta tul il-ġenerazzjonijiet | Alfred Mizzi |

Fuq dan kien hemm qbil minn għand kulħadd

- Tlajjar fil-Ġnien Romeo Romano

Il-kunsill qed jirċievi ilmenti fuq persuni li qed jitlajjaw fi Ġnien Romeo Romano.  Is-Sindku tkellem mal-pulizija u dawn ipproponew li l-kunsill jagħmel byelaw fuq loitering.  Din m'għandiex tkun ristretta għal ġnien biss.

Il-kunsilliera kollha qablu li ssir din il-byelaw.

- Byelaw – xorb alkoħoliku

Is-Sindku qed jipproponi ukoll li ssir byelaw li ma' tħallix xorb alkoħoliku fil-playgrounds, u ġonna.  Fuq dan ukoll kien hemm qbil unanimu.

- Bagħal taż-żunżan fil-ġnien Romeo Romano

Is-Sindku informa li qed ikun hemm ħafna ilmenti fuq il-bagħal taż-żunżan fi ġnien Romeo Romano.  Meta ġew ikkuntattjati kumpaniji privati qalulna li peress li l-bagħal taż-żunżan

qed ikun hemm il-ħin kollu dan qed jiġi ħabba l-ikel. Is-sindku spjega ukoll li l-ilmenti fuq minn jitma' l-qtates kibru. Għaldaqstant bdiet kampanja fuq is-social media anke ħabba l-fatt li issa l-feeders iridu jkunu rreġistrati mal-Kunsill lokali. Ġie innutat li kull feeder li hawn kien qed jagħmel xogħlu sew, imma kien hawn nies li jħallu l-ikel. Għalhekk wara diskussjoni urġenti ma Sa Romina Frendo bħala rappreżentata tal-feeders ġie ssuġġerit li:

- Fi Ġnien Romeo Romano jiġu mwaħħla nases għal bagħal taż-żunżan
- Jiġu mibnija cat stations għal kull feeder li jkollhom l-isticker tal-kunsill kif ukoll bowls tal-kunsill. Quddiem ikollhom xi tip ta' frill tal-plastik sabiex ma jidħlux l-insetti. Dawn jiġu nstallati fejn hemm l-aktar ilmenti
- Dawn ser jinħadmu mill-ħaddiema tal-kunsill u l-istima għal kull waħda hi ta Euro 45
- Kull feeder ser ikollu tag
- Dan ser jgħamila aktar faċli sabiex il-kenniesa jneħħu kull tip ta' ikel ieħor li ma jkunx f'dawn il-feeding stations

- Car Stoppers

Wara diskussjonijiet ma diversi persuni qed jiġi issuġerit li taħt l-akwedot sabiex il-karozzi ma jibqgħux deħlin fuq il-bankina, jitwaħħlu car stoppers. Hemm bżonn ta' 50 car stopper. Stephen Sultana spjega li dawn ma sarux qabel ħabba li l-karozzi l-kbar ser joħorġu l-barra minn l-akwedott u hekk xi ħadd ma jarhomx u jaqa' fihom dan ikun taħt ir-responsabiltà tal-kunsill, avolja hu jaqbel li hemm bżonn li ssir xi ħaġa. Is-Sindku qal li jifhem dak li qed jgħid is-Sur Sultana imma dawn ikunu jistgħu jinqalgħu f'każ ta' bżonn.
Hawnhekk is-Sur Sultana talab li jkun skużat mil-laqgħa.

Il-Kunsill qabel li jitwaħħlu dawn il-car stoppers.

- Skart

Is-sindku spjega li fuq il-medja soċjali bdiet kampanja ta' name and shame għal dawk li jarmu l-iskart fi ħin jew ġurnata li mhux suppost. L-Eco Wardens qed imorru ukoll fuq il-post fil-ħin skedat tagħhom.

- Un/loading

Is-Sindku qed jipproponi li ssir un/loading fi Triq l-Imsida peress li żdiedu l-ħwienet u s'issa m'hemmx waħda.  Silvio Vella irrimarka li jaqbel sakemm il-vannijiet li hemm jitilqu mit-toroq.
Fuq dan kien hemm qbil unanimu

- CCTV Cameras

Is-Sindku qal li bħalissa l-kunsill qiegħed iħallas service charge għal kameras li mhumiex imqabbdin mal-internet.  Għalhekk qiegħed iħallas tagħhom għal xejn.  Is-Sindku ippropona li dawn jerġgħu jiġu mqabbdin mal-internet sabiex il-LESA jkunu jistgħu jieħdu l-kontroll tagħhom.  Dawn ser jintużaw għal karozzi ipparkjati ħażin kif ukoll ħabba skart.

6. Ilmenti

L-ilmenti ser ikunu qed jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss peress li sar il-ħi

7. Approvazzjoni tal-iSkeda tal-pagamenti u petty cash

Item 596 – dik hi cleaning ta' Triq il-Kbira San Gużepp ta' qabel il-festa li tinkludi ukoll iz-zuntier.

Item 599 – Joe Vella saqsa għala telgħet daqshekk l-ispiża.  Is-Sindku spjega li ċertu għaqdiet approfittaw ruħhom u kien hemm għaqda partikolari li ġabet 70 ruħ.

Item 606 u 607 – deposit fuq il-halloween

Item 611 – bozza ġdida, kif ukoll shifting ta' bozza.

L-iskeda tal-pagamenti ġiet iffirmata mill-proponent Silvio Vella.  Ħadd ma ssekonda.

8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Ma ġietx iffissata data għal laqgħa li jmiss.

7. *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġ:

5.1 Financial Statments Q2

Għal din il-laqgħa ġiet mistiedna l-accountant tal-Kunsill fejn din spjegat li l-Kunsill qed jagħmel profitt ta' E106,000.  Bħala spejjeż il-kunsill qiegħed fil-budget fejn jidħlu il-pagi, imma dawl tat-triq diġà qabeż il-budget sew.  Stephen Sultana saqsa hekk il-latrina l-ġdida tal-ġnien Romeo Romano hiex imdaħħla fil-budget.  L-accountant wieġbet li dik hi future committment u mhux actual, però s'issa din mhux fil-budget.

Joe Vella saqsa hekk id-dħul mill-Ġnien San Ġorġ Preca kienx wasal mill-Planning Authority.  Is-Sur Sultana spjega li meta kien sindku hu kien hemm problema bil-bandla.  Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li bħalissa qed jitkellmu mal-MCCA sabiex din il-bandla tiġi rranġata

5.2 Reply to the management letter

Dan l-item ġie diskuss wara l-kunsiderazzjoni tal-minuti peress li l-accountant kienet qed tistenna wara l-bieb.

L-accountant spjegat li fuq il-balance sheet flus il-bank kien wieħed regolari ħlief id-deferred income.  Dan id-deferred income ilu aktar minn 5 snin fejn kien hemm flus li ngħataw mill-gvern fuq xi proġett, dan il-proġett sar imma l-flus qatt ma ġew allokati bħala assi.  Spjegat ukoll li dan jista' jkun attribwit għal fatt li kien hemm perjodu li ntilef is-Sage.

Hi spjegat ukoll li sabiex jinstabu x'kien dan l-income, intalbu l-bank statements l-antiki, qed jiġi immarkat x'daħla mingħand il-gvern bħala fondi, qed jinqatgħu dawk il-proġetti li kienu allokati, u fl-istess waqt l-accountants qed jikkomunikaw mid-DLG għal aktar informazzjoni.

Silvio Vella saqsa hekk dawn il-flus jistgħux ikunu tat-toroq peress li f'dawk iż-żminijiet il-kunsill kien jiġi allokat fondi għat-toroq.  L-accountant stqarret li dawn kienu flus minn skemi u mhux allokazzjoni.  Stephen Sultana saqsa hekk jinkludux fondi għal Milied u l-accountant ikkonfermat li jista' jkun.

Fuq il-kumment tal-kreditu ma tantx hemm kontroll ħlief li niġru wara l-kumpaniji għal-invoices.  Fuq il-petty cash il-problema ġiet solvuta filwaqt li l-account tal-Lesa ġie solvut ukoll, però irid jinbeda l-proċess fuq tenders biex jinbidlu tenders li skadew.

**3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-22 ta' Awwissu 2024 fil 17.00 fil-binja tal-kunsill.

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| Gianluca Falzon | Tiffany Abela |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |